**28 ta' *Ottubru*, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Galea fil-kwalità tiegħu, ta' Segretarju tal-Każin Nazzjonalista tan-Naxxar

*versus*

Onor. Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Diskriminazzjoni Politika - Permess tal-Bini - *Ragion Fattasi* - Rimedju - Rifjut**

***Ir-rikorrent ippretenda li kien ġie ddiskriminat politikament meta ma ġiex lilu maħruġ permess għall-bini. Il-Qorti sabet li kien hemm fil-fatt tali diskriminazzjoni. Però l-fatt biss ta' l-eżistenza ta' dik id-diskriminazzjoni ma kienx jiġġustifika lir-rikorrent jaqbad u jibni mingħajr permess. Il-Qorti ddeċidiet li ma tagħtix rimedju qabel dak l-istat ta' illegalità jitneħħa billi dak li jkun tela' mingħajr permess jiġi rimoss.***

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' Joseph Galea fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju tal-Każin Nazzjonalista tan-Naxxar quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li espona:

1. Illi l-esponent fil kwalità tiegħu premessa akkwista proprjetà f'Labour Avenue n-Naxxar bl-iskop li tiġi demolita u rikostruwita sabiex isservi bħala Każin tal-Partit Nazzjonalista fin-Naxxar;

2. Illi l-esponent f'Lulju, ta' l-1982, kien għamel l-applikazzjoni neċessarja sabiex jinħarġulu l-permessi neċessarji sabiex issir ir-rikostruzzjoni tal-fond imsemmija wara li dan jiġi demolit;

3. Illi l-fond imsemmi hu teknikament deskritt bħala "*in fill area*" billi għandu faċċata fuq triq u jinsab bejn bini eżistenti fuq iż-żewġ iġnub tiegħu li ma humiex distanti aktar minn għoxrin metru;

4. Illi fil-każijiet ta' l-"*in fill areas*" u każijiet ta' "*demolition and reconstruction*" (bħalma hu wkoll dan il-każ) hi prattika normali li l-permessi relattivi joħorġu wara ftit ġimgħat;

5. Illi permessi bħal dawn inħarġu mhux biss lill-individwi

iżda wkoll lill-partiti politiċi oħra fi żmien relattivament qasir kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni fil-kawża;

6. Illi f'dan il-każ però sal-ġurnata tal-lum il-permessi relattivi għadhom ma nħarġux għalkemm il-perit ta' l-esponent kien ġie assigurat mill-Onor. Karmenu Vella meta dan kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi - illi ma kien hemm ebda oġġezzjoni għall-ħruġ tal-permess, illi l-applikazzjoni kienet ġiet ipproċessata u l-permess kellu jinħareġ;

7. Illi mhux talli l-permess baqa' ma ħariġx iżda l-esponent ġie mħarrek quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, talli fil-frattemp hu beda r-rikostruzzjoni tal-fond;

8. Illi l-permessi relattivi mitluba mill-esponent ma nħarġux bi ksur ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi l-*intimat* qed jiddiskrimina kontra l-esponent minħabba l-opinjoni politika tiegħu kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

9. Illi l-prosekkuzzjoni kriminali kontra l-esponent hi wkoll diskriminatorju fil-konfront tiegħu;

Talab li dik il-Qorti:

(a) tiddikjara illi l-intimat *iddiskrimina* kontra l-esponent *minħabba* l-*opinjoni politika tiegħu* meta naqas li joħroġ il-permess relattivi għar-rikostruzzjoni tal-fond magħruf bħala "Każin Nazzjonalista" f'Labour Avenue, Naxxar, u dan bi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem protetti, fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

(b) tordna minnufih sabiex l-intimat joħroġ il-permessi

relattivi għar-rikostruzzjoni ta' l-istess fond;

(ċ) tordna lill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja sabiex tissospendi l-proċeduri kriminali kontra l-esponent;

Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi li wara li espona bir-rispett:

1. Illi preliminarjament, fejn ir-rikors tar-rikorrenti jirrigwarda l-proċeduri kriminali meħuda kontra tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, l-azzjoni odjerna ġiet interposta b'mod mhux korrett u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż. It-talba tiegħu f'dan ir-rigward kellha tiġi magħmula bil-mod kif enunċjat fis-subinċiż (3) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jgħid illi jekk il-kwistjoni simili tinqala' "*in any court other than the Civil Court, First Hall, or the Constitutional Court* ", dik il-Qorti l-oħra għandha tirriferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *ammenochè* "*in its own opinion the raising of the question is merely frivolous or vaxatious*". Bil-proċedura użata mir-rikorrent il-Qorti tal-Maġistrati qed tiġi mneżża' mid-diskrezzjoni ta' l-istess subinċiż (3) ta' l-artikolu 47 jagħtiha;

2. Illi bla preġudizzju għall-fuq espost, anke kieku l-aggravji l-oħra li qed isemmi r-rikorrent kienu bbażati rigward l-għoti tal-permessi biex jibni, dana ma kienx jagħtih id-dritt illi jieħu l-liġi f'idejh u jibni mingħajr permessi imma b'rispett lejn il-legalità li qed jinvoka kellu l-ewwel iġib quddiem il-Qrati kompetenti l-ilmenti tiegħu u jirregola ruħu skond id-deċiżjoni tagħhom;

3. Illi fil-meritu t-talba biex din il-Qorti tordna lill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja sabiex tissospendi l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti hi bla bażi fattwali għaliex bla preġudizzju għal dak fuq espost fil-paragrafu 1 ta' din ir-risposta, l-azzjoni kontra r-rikorrent mhix waħda bbażata fuq it-twemmin politiku iżda fuq il-fatt minnu stess ammess fir-rikors tiegħu illi hu qabad u bena mingħajr il-permessi relattivi;

4. Illi preliminarjament ukoll fuq it-talbiet l-oħra mar-rikorrent din l-Onorabbli Qorti għandha tissoprassedi sakemm jiġu ddeterminati l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent illi fuq l-eżitu tagħhom jiddependi jekk ir-rikorrent jibqagħlux interess *o meno* fit-talba tiegħu biex joħorġu l-permessi, skond il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u skond l-Att I ta' l-1983, fuq l-art in kwistjoni li llum f'dawk il-proċeduri hi soġġetta għal dak li jingħad fis-subinċiż (4) ta' l-artikolu 17 ta' l-*imsemmi* Att li jgħid:

"Meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat kontra dan l-Att il-Qorti għandha b'żieda ma' kull piena oħra tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull bini mtella' bi ksur ta' dan l-Att u l-art li fuqha dan il-bini jkun ġie mtella' ........"

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost l-esponent bl-ebda mod ma ddeskrimina kontra r-rikorrent minħabba xi fehma politika tiegħu, iżda l-permess ma ħariġx skond il-"*policy*" kostanti ta' l-esponent li ma jinħarġux permessi meta min jitlobhom ikun ħa l-liġi f'idejh u jkun ġa beda x-xogħol;

U li għar-raġunijiet fuq esposti t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-kawża u senjatament ukoll il-verbal

ddatat 12 ta' April, 1984, fejn *inter alia*, id-difensur tar-rikorrenti irtira t-tielet talba kkontenuta fir-rikors tiegħu u ċjoè dik indikata fil-paragrafu 10(c) u dan riferibbilment għal dak iddikjarat fil-paragrafu numru 9 fl-istess rikors;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Mejju, 1985, u li biha laqgħet l-ewwel talba tar-rikorrenti billi ddikjarat li l-intimat iddiskrimina kontrih minħabba l-opinjoni politika tiegħu meta naqas li joħroġ il-permessi relattivi għar-rikostruzzjoni tal-fond magħruf bħala Każin Nazzjonalista f'Labour Avenue, Naxxar, u dwar it-tieni talba, *dato* l-pendenza ta' proċeduri *sub judice* in meritu, il-Qorti, fil-waqt illi għamlet riferenza għat-tieni paragrafu tas-subartikolu (2) u għas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni, iddeċidiet billi ma ppronunzjatx ruħha fuq din it-talba; u astjeniet fit-tielet lok milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba billi din ġiet irtirata fil-mori tal-proċeduri u ordnat illi l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet; u *inoltre* għaddiet finalment biex *obiter* u mhux bħala parti mir-*ratio decidendi* għamlet rakkomandazzjoni sinċiera liż-żewġ naħat biex possibilment ifittxu u jilħqu ftehim bonarju u onorevoli ta' din il-kwistjoni u dan fl-aħjar interess tal-ġustizzja u dan wara li kkonsidrat:

"Bħala fatti *ut sic* ma hemmx xi diverġenza ta' riljev bejn dak li ġie sottomess minn entrambi l-partijiet. Fix-xahar ta' Lulju, tas-sena 1982, ir-rikorrent Joseph Galea fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju tal-Każin Nazzjonalista tan-Naxxar bagħat applikazzjoni *tramite* l-Arkitett u Inġinier Ċivili, Carm Lino Spiteri sabiex fond kollokat f'Labour Avenue fin-Naxxar, jinħatt u minn floku jiġi erett ieħor ġdid, liema fond kellu jservi bħala każin politiku tal-Partit Nażżjonalista għal dak il-lokal. Il-fond *de quo* kien jinsab bejn bini ieħor eżistenti u jagħti wkoll fuq

il-faċċata tiegħu għal triq asfaltata. Id-dipartiment tax-Xogħlijiet *Pubbliċi*, *jew* aħjar it-taqsima inkarigata mill-iproċessar ta' l-applikazzjonijiet simili magħrufa bħala l-"*Planning Area Permits Board*" issejjaħ tali xogħol/bini bħala *in filling* u tikkunsidra xogħol bħal dan bħala wieħed ikkontemplat fil-paragrafi "F" tas-*section* 14 tal-"*Building Development Area Act*";

L-applikazzjoni tar-rikorrenti *nomine* dwar il-fond in kwistjoni ġiet ipproċessata mill-Bord kompetenti. Id-Dipartiment talab "*clearance*" mill-Ministeru dwar din l-applikazzjoni ħalli jkun jista' jinħareġ il-permess, però din il-"*clearance*" mill-Ministeru ma ġietx riċevuta mid-Dipartiment u l-permess allura ma nħariġx. Il- "*clearance*" mitluba mingħand il-Ministeru saret għall-ħabta tax-xahar ta' Lulju tas-sena 1983. Skond ix-xhud A.I.C. Godwin Cassar, *Chairman* tal-P.A.P.B. ma kien hemm xejn xi jwaqqaf il-ħruġ tal-permess mitlub. *Di fatti*, dan ix-xhud (ara fol. 17 *et sequitur* - seduta ddatata 3 ta' Mejju, 1984) xehed hekk:

"........**Id-Dipartiment ma kien sab ebda oġġezzjoni li jinħareġ il-permess meħtieġ**;

Kienet dejjem il-prassi tad-Dipartiment illi f'każi illi jirrigwardaw bini ta' każini politiċi dejjem jintalab "*clearance*" mingħand il-Ministru tagħna u f'dan il-każ hekk sar;

Risposta mill-Ministru ma rċevejniex;

**Normalment wieħed li jkun applika dwar bini "*fill in area*" jdum jistenna għall-ħruġ tal-permess madwar tliet xhur.** ........

**Jiena ma nafx il-għala ma ġietx maħruġa "*clearance*".**
"

F'Lulju, 1983 jiġifieri fl-istess żmien meta l-applikazzjoni mxiet mid-Dipartiment għall-Ministeru, il-perit inkarigat l-Onorevoli Carm Lino Spiteri, xhud ukoll fil-każ, mar ikellem lill-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi ta' dak iż-żmien, l-Onorevoli Perit Karmenu Vella fi sorz biex il-permess relattiv jinħareġ. Skond ix-xhud Spiteri, il-Ministru Vella tah affidament bil-fomm li l-permess kien se japprovah mingħajr iżjed dewmien. Fil-frattemp iżda, jew aħjar fil-pendenza ta' żmien li fih sar dan l-inkontru bejn il-perit Spiteri u l-Ministru Vella, il-fond *de quo* ġie ddemolit u dan għall-ħabta ta'Awissu, 1983 u ġie sostitwit b'bini ġdid imtella' għall-inċirka ta' Novembru, 1983 - dejjem meta l-permess kien għadu ma ġiex maħruġ;"

"Il-fatti saljenti tal-każ kienu *in succint* kif riportati aktar 'il fuq. Wara x-xogħol magħmul fuq il-fond in kwistjoni, iċ-*Chairman* tal-P.A.P.B. irċieva komunika mill-Ministeru tiegħu. Ix-xhud Cassar qal hekk:

L-unika komunika li kellu mill-Ministeru dwar dan il-fond kienet meta fil-31 ta' Jannar, 1984 irċevejt rapport li kien qed isir bini fil-fond li dwaru kien hemm applikazzjoni li qed tiġi pproċessata u jiena ktibt lill-Ministeru biex nara x'kellu jsir, *una volta* li qed isir dan il-bini, meta permessi kien għad ma hemmx". Effettivament ittieħdu proċeduri kriminali fil-Qorti tal-Maġistrati kontra r-rikorrent *nomine* dwar dan il-fatt;"

"Ix-xhieda l-oħra mtella' mir-rikorrent kienet fil-parti l-kbira dwar applikazzjonijiet u ħruġ ta' permess rigwardanti każini tal-*Malta Labour Party* - ara fil-proċess Dok. GC1, Dok.

GC11 u Dok. GC111. Sinifikattiv il-fatt li fil-mori ta' din il-kawża kostituzzjonali ġew ipproċessati xi żewġ applikazzjonijiet mixħuta mill-Partit Nazzjonalista dwar każini ta' lokali oħra. Dwar każini tal-*Malta Labour Party* skond Dok. GC111 a fol. 33 - jidher li kien hemm applikazzjonijiet li bħala tul ta' żmien għalbiex jiġu proċessati ħadu bejn 22 jum (Pretty Bay, Birżebbugia) bħala minimum u 10 xhur (Sciortino Street, Żebbuġ) bħala massimu. Rigward il-Partit Nazzjonalista kien hemm permess li nħareġ fi żmien jumejn biss, jiġifieri dak ta' l-Istamperija ta' Blata-l-Bajda u dan fl-1965; sa żmien ferm itwal bħal dak f'Tal-Pieta' (mhux speċifikat f'liema loka iżda n-numru tal-*file* huwa P.B. 1559/83) li ħa 23 xahar. Il-permessi li baqgħu ma nħarġux kienu waħdiet iżda għandu jingħad li hawn ukoll ir-raġuni kienet dovuta għal xi intopp ta' xejra teknika. Per eżempju, fil-każ ta' l-applikazzjoni għal "*demolition and re-erection*" (kif inhuma l-każ in deżamina) tal-każin lokali tal-Partit Nazzjonalista ta' Had-Dingli, il-permess għadu ma nħariġx għax għadu ma tħallasx il-kont għall-kontribuzzjoni tat-triq;"

"Xehed il-Perit Godwin Cassar illi hemm diversi mijiet ta' applikazzjonijiet li baqgħu pendenti u dan x'aktarx għax ikun hemm xi diffikultà teknika li tkun għad trid tiġi solvuta. Raġuni waħda għal każi kollha ma setgħetx tingħata l-għaliex ir-raġunijiet ivarjaw. Kien hemm però każi kompla x-xhud fejn inħareġ "*refusal*" għal applikazzjoni illi kienet pendenti għar-raġuni li dak li jkun ikun qabad u bena illegalment. Kien hemm każi fejn wara li jkunu nbdew proċeduri kriminali talli nbena post bla permess, jinħareġ permess fil-mori tal-proċedura, u l-proċeduri ma jissuktawx. Per eżempju mid-Dok. GCII - a fol. 35 jidher illi l-każin tal-Partit Nazzjonalista ta' l-Imqabba nħariġlu permess "*demolition and re-erection*" ukoll u dana wara perijodu ta' dewmien ta' tmien (8) xhur, jiġifieri bejn il-25 ta' Jannar,

1978 u s-27 ta' Settembru, 1978 "*after waiving off legal action*";"

"Kien hemm każi xehed il-Perit Spiteri, meta huwa baqgħat xi ħadd mill-uffiċċju tiegħu biex ikellem lill-Bord wara li tkun intalbitlu jagħti xi kjarifika ulterjuri. Fil-każ tal-każin tan-Naxxar il-perit Spiteri la bagħat *reminders* u lanqas kellem lil xi ħadd tal-Bord. Kellem direttament lill-Ministru kkonċernat;"

"Ir-rikorrenti qed jinvoka għaf-favur tiegħu id-dispożizzjonijiet ikkontenuti fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta. Dan l-artikolu fih disa' (9) sub-artikoli fosthom dawk li ser jingħad:

"Subartikolu (2): Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-sub-artikoli (6)(7) u (8) ta' dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonament ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika;

Subartikolu (3) f'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lill persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur jew fidi li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawk ikun suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn";

"Is-subartikolu 8 riferit u msemmi fis-subartikolu (2) jgħid hekk:

"Ebda ħaġa fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu m'għandha

tolqot xi diskrezzjoni dwar l-għemil, tmexxija jew nuqqas ta' tkomplija ta' proċeduri ċivili jew kriminali f'xi Qorti li jkollha xi persuna bi jew skond din il-kostituzzjoni jew xi liġi oħra'';

"Fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet **Saviour Gauci vs. Direttur ta' l-Edukazzjoni** mogħtija fl-14 ta' Lulju, 1975, f'każijiet analogi l-Qorti tagħti importanza u tħares lejn il-fatti li jirriżultaw u mhux lejn il-movent ta' min ikun allegatament aġixxa b'mod diskriminatorju u dan;

"peress li l-Qorti tifhem li l-artikolu 46(3) għandu jiġi interpretat b'mod li ma jinħtieġx lir-rikorrenti jipprova b'xi mod li l-intimat aġixxa b'xi movent politiku kontra r-rikorrent'';

"F'deċiżjoni oħra riċentissima ta' din il-Qorti mogħtija fit-2 ta' Mejju, 1984 fil-kawża *in re*:- "**L-Avukat Tonio Borg *noe et* vs. Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin *et*'**' fil-waqt illi għamlet aċċen għal deċiżjoni oħra preċedenti fl-ismijiet "**Edward Vassallo *et* vs. Kummissarju tal-Pulizija**'' mogħtija fis-16 ta' Awissu, 1976 irribadiet u rraffermat hekk:

"Illi *in tema* legali jingħad........ li mhux kull differenzazzjoni jew disugwaljanza ta' trattament huwa "*per se*'' diskriminazzjoni *entro* l-projbizzjoni ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Fi kliem ieħor il-kunċett ta' ugwaljanza ta' trattament ma jistax jiġi estiż fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat miċ-ċirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qed tiġi eżaminata. Differenzazzjoni, biex tkun leġittima trid tirpoża fuq każi objettivi u raġjonevoli, tenut kont ta' l-għan u effetti tal-miżura in eżami, u jrid ikun hemm rapport raġjonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi impjegati u

l-iskop viżwalizzat'';''

"Ġaladarba r-rikorrenti irtira t-tielet talba tiegħu, jidher li l-qofol ta' l-eċċezzjoni ta' l-intimat hija dik ikkontenuta fil-paragrafu 5 tar-risposta tiegħu a fol. 2 - (a fol. 7 tal-proċess) - fejn jgħid li huwa bl-ebda mod ma ddiskrimina kontra r-rikorrenti minħabba xi fehma politika, iżda l-permess ma ħariġx skond il-"*policy*'' kostanti tiegħu li ma jinħarġux permessi meta min jitlobhom ikun ħa l-liġi f'idejh u jkun ġà beda x-xogħol. Impliċitu f'din l-eċċezzjoni hemm il-presuppost illi fir-rigward tar-rikorrenti ma kien hemm ebda trattament differenti minn dak segwit kontra ħaddieħor;''

"Issa meta wieħed jifli bir-reqqa l-fatti jsib illi sal-mument illi r-rikorrenti *nomine* ddeċieda u fil-fatt esegwixxa x-xogħol li tiegħu kien jistenna d-debita awtorizzazzjoni **ma kien hemm ebda raġuni plawsibbli l-għala l-permess mitlub baqa' miżmum**. Skond dak li xehed il-Perit Cassar, bħala *Chairman* tal-P.A.P.B. id-Dipartiment ma kien sab ebda oġġezzjoni li jinħareġ il-permess meħtieġ. **Normalment** iddepona dan ix-xhud newtru u ewlieni għall-każ, **wieħed li jkun applika dwar bini "*fill in area*'' idum jistenna għall-ħruġ tal-permess madwar tliet xhur**. Kwindi, x'setgħet kienet iżżomm il-Ministeru milli jagħti l-"*clearance*'' tiegħu? Il-movent, kif fuq ingħad mhux importanti imma jekk fin-normalità tal-ħruġ ta' permessi dawn kienu jieħdu tliet xhur, ċertament illi kien qed ikun hemm trattament **differenti u differenzjat** fl-applikazzjoni tar-rikorrenti *nomine* meta skorriet aktar minn sena u l-permess ma nħariġx. Huwa minnu li kien hemm applikazzjonijiet li ħadu żmien twil sakemm ġew mgħoddija, kif jidher mid-dokumenti esibiti iżda hawn lanqas m'hu eskluż li kien hemm xi intoppi li riedu qabel jiġi kkjarifikati. Il-Ministru Vella stess, skond

ix-xhud Perit Spiteri mhux kontradett irrikonoxxa li ma kien hemm ebda ġustifikazzjoni għaż-żamma tal-permess. Ġara però li wara li l-istess Ministru Vella ta affidament li ser jagħti l-"*clearance*" tiegħu, l-istess Ministru ma baqax jokkupa l-kariga ta' Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Issa minn Lulju, 1983 jiġifieri mid-data meta l-Perit Spiteri kellem lill-Ministru Vella sa Ottubru/Novembru, 1983, jiġifieri sa meta r-rikorrenti ħa l-liġi f'idejh u esegwixxa x-xogħlijiet fil-lokal *de quo*, **għaddew aktar xhur inutilment**. Żgur ma jistax jingħad li f'dan il-perijodu l-intimat kien baqa' jżomm il-permess **għax hekk kien jiġri fin-normalità ta' l-iproċessar ta' l-applikazzjonijiet pendenti**. Ċertament ukoll, ikun assurd li timputa xi nuqqas fl-aġir tal-Perit Spiteri jew tar-rikorrenti *nomine* għar-raġuni li dawn baqgħu ma bagħtu ebda "*reminder*" lid-dipartiment ikkonċernat. Il-permess mitlub mir-rikorrenti jintalab għax hekk tesiġi l-liġi ċivili tal-pajjiż u m'għandu jkun qatt assoġġettat għall-ħtieġa ta' "imbuttar" taħt kwalsisasi forma kif donnu ta x'wieħed x'jifhem il-Perit Cassar fl-aħħar depożizzjoni tiegħu u kif ukoll ġie ssottomess mid-difensur ta' l-intimat waqt it-trattazzjoni orali. Fi kliem ieħor, f'nuqqas ta' oġġezzjoni, permess bħal dak mitlub mir-rikorrenti għandu jinħareġ bi dritt. Fiċ-ċirkostanzi il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li l-argument ta' l-intimat li l-permess ma nħariġx għax fil-frattemp ir-rikorrent qabad u bena minn rajh u mingħajr awtorizzazzjoni jammonta għal raġjonament *a posteriori* u *ex post factu*. Fi kliem ieħor sal-mument illi r-rikorrenti għamel att li *prima facie* - u dan proprju għax il-kwistjoni għadha bħal issa *sub judice* u dwarha l-Qorti għad trid telabora fuqha aktar 'il quddiem - kien wieħed kontra l-liġi, id-diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti minħabba opinjoni politika **kienet ġa avverrat ruħha palesement**. Kif diġà ntqal, il-kelma "diskriminatorju" hija definita mit-test tal-liġi bħala għoti ta' trattament differenti lil

persuni differenti. Kemm dan kien proprju l-każ jemani minn dak li stqarr iċ-*Chairman* innifsu tal-P.A.P.B. li huwa ma seta' joffri ebda spjegazzjoni għaż-żamma tal-permess mill-Ministeru. Dan baqa' jgħidu sa l-aħħar seduta - għax dan ix-xhud tela' jixhed f'diversi drabi fejn qal hekk:"

"Mistoqsi jekk hemmx xi diffikultà partikolari fuq il-każin in kwistjoni mill-Qorti, **nirrispondi li ma hemmx diffikultà bħal din**". Iż-żamma tal-permess meħtieġ għar-raġuni ta' proċeduri kriminali ġiet maħsuba **wara** li diġà kien seħħ att diskriminatorju kontra r-rikorrenti. Għaldaqstant ma hemmx dubju li l-ewwel talba kif dedotta fil-paragrafu 10(a) tar-rikors għandha tiġi milqugħa;"

"Niġu issa però għat-tieni talba li fiha r-rikorrenti qed jitlob ukoll li din il-Qorti tordna minnufih sabiex l-intimat joħroġ il-permessi relattivi għar-rikostruzzjoni ta' l-istess fond. Il-Qorti użat il-kelma "Però" il-għaliex fid-dawl tal-fatti kif esposti din it-talba mhix daqstant konsegwenzjali kif jippretendi r-rikorrent. Hu fatt paċifiku u rrikonoxxut ukoll mir-rikorrenti stess li bejn ix-xhur ta' Ottubru u Novembru, 1983, huwa esegwixxa xogħol ta' rikostruzzjoni fl-imsemmi fond u dan avvolja l-permess kien għadu ma nħariġlux. Sakemm ir-rikorenti iddemolixxa biss il-fond, jista' jkun li b'daqshekk huwa ma kienx għadu ppreġudika l-pożizzjoni legali tiegħu iżda bix-xogħol ta' bini - rrikonoxxuta fil-preambolu tar-rikors u mid-depożizzjoni tal-Perit Spiteri - huwa jiġi li ha l-liġi f'idejh. Ir-rikorrenti jew xeba' jistenna jew inkella ħadha bħala fatt konkluż dak li ġie mwiegħed bil-fomm mill-Ministru responsabbli ta' allura lill-Perit Spiteri. B'dan il-mod, ir-rikorrenti espona ruħu għal proċeduri ta' natura kriminali. Issa li kieku l-kwistjoni waqfet hawn, allura forsi wieħed jista' jikkunsidra jekk l-aġir tar-rikorrenti hux wieħed

sansabbli jew le, *iżda l-kwistjoni kompliet tikkomplika ruħha* meta effettivament ittieħdu proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati proprju in meritu. Skond ix-xhieda ta' l-istess Perit Godwin Cassar dawn il-proċeduri għadhom ma ġewx konklużi. Fil-mori ta' din il-kawża, anzi fl-istadju inizjali, ir-rikorrenti irtira t-tielet talba tiegħu biex ma jkunx hemm komplikazzjoni proċedurali aktar milli meħtieġ. B'danakollu, it-tieni talba tiegħu xorta waħda hija *intimament* konnessa u marbuta mal-fatt li r-rikorrenti qabad u bena bla permess u li dwarha qed jiġi mħarrek quddiem Qorti oħra. Kwindi, l-aġir tar-rikorrenti mhux biss ikkomplika l-vertenza imma ħoloq ukoll ostakolu ta' natura legali għalih innifsu. Dan għar-raġuni li, jekk ir-rikorrenti kellu jiġi misjub ħati, l-eżitu jkun qed imur kontra dak li huwa qed jitlob minn din il-Qorti. Jekk jiġi ppruvat mill-intimat li r-rikorrenti kiser il-liġi, ikun ifisser illi r-rikorrenti jkun irrenda ruħu ħati ta' dak illi komunament huwa magħruf bħala *ragion fattasi*;"

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi ppreżentat fl-1 ta' Ġunju, 1984, u li bih għar-raġunijiet fih ikkontenuti talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tiddeċidi u tiddikjara illi huwa bl-ebda mod ma ddiskrimina kontra l-appellat, tiċħad l-ewwel żewġ talbiet ta' l-appellat u tikkonfermaha fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra "l-appellant" (*recte appellat*);

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Joseph Galea fil-kwalità tiegħu premessa li bih għar-raġunijiet fih ikkontenuti talab *illi din* il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn laqgħet l-ewwel talba tiegħu, tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn ċaħdet it-tieni talba

tiegħu u tilqa' t-tieni talba tiegħu u tordna lill-intimat biex minnufih joħroġ il-permessi relattivi għar-rikostruzzjoni tal-fond mingħajr numru magħruf bħala "Każin Nazzjonalista" f'Labour Avenue, Naxxar;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi ser jiġi kkonsiderat l-ewwel l-appell ta' l-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi peress illi l-akkoljiment *o meno* tat-tieni domanda tar-rikorrent tiddependi mill-konferma *o meno* tas-sentenza appellata fir-rigward ta' l-ewwel talba;

Ikkunsidrat:

Illi l-argument bażiku ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, aktar 'il quddiem riferut bħala "il-Ministru", hu li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellha ebda bażi ta' prova illi tasal biex tgħid illi l-permess "*de quo*" ma ngħatax minħabba diskriminazzioni bbażata fuq raġunijiet politiċi;

In sostenn ta' dan l-aggravju, l-appellant Ministru ssottometta bħala l-ewwel argument dan li ġej:

"Illi minn eżami tad-dokumenti eżibiti waqt ix-xhieda tal-Perit Godwin Cassar jidher illi l-esponent ħareġ diversi permessi għall-bini u alterazzjonijiet f'każini tal-partit Nazzjonalista, u kieku l-ħsieb tiegħu kien illi jiddiskrimina kontra dak il-partit

kieku għall-anqas l-appellant kien ikun konsistenti miegħu innifsu u ma joħroġx il-permessi l-oħra;"

Illi dan l-argument, din il-Qorti, bħall-ewwel waħda, ftit li xejn tara validità fih u r-raġuni hi waħda tant sempliċi li ma teħtieġx elaborazzjoni. Infatti l-argument ta' l-appellant ifisser li jekk wieħed ma jkunx iddiskrimina għal disgħa u disgħin darba wara xulxin ma jistax ikun li jiddiskrimina fil-mitt darba. Il-fatt li f'okkazzjonijiet preċedenti l-Partit Nazzjonalista applika u ottjena permessi għall-bini jista' talvolta jfisser li f'dawk l-okkazzjonijiet ma kinitx saret diskriminazzjoni mal-Partit imsemmi imma bl-ebda mod ma jfisser li fil-każ odjern diskriminazzjoni ma saritx. Id-differenza hi tant sempliċi li dan l-argument lanqas imissu nġieb: infatti d-differenza qiegħda f'illi fl-okkazzjonijiet preċedenti l-permess inħareġ u f'dan għadu pendenti;

It-tieni argument ta' l-appellant hu kif ġej u ċjoè:

"Illi mhux minnu illi ma teżisti ebda raġuni għar-rifjut tal-permess ħlief għall-possibilità ta' diskriminazzjoni. Il-Perit Cassar xehed illi l-permess ma ħariġx għaliex instab illi l-appellant beda jagħmel xogħol qabel ma nħareġ il-permess (dana fatt aċċettat mill-appellant) il-perit Cassar veru li xehed li ma jeżisti ebda ostakolu għall-ħruġ tal-permess, imma dana naturalment li kieku min applika għalih ma kkreax hu stess ostakolu billi kiser il-liġi;"

"Illi r-rifjut ta' permess illum sar konsegwenza ta' ksur tal-liġi meta wieħed jibda x-xogħol bla permess, x'jippretendi l-appellant, li jkun hemm liġi għalih għax każin politiku u oħra għal persuni komuni - f'dan ir-rigward l-appellant ġie ttrattat bħal

kull applikant ieħor u ma jistax wieħed ikompli jiddiskrimina favurih u jittrattah b'mod aħjar mill-oħrajn;"

Illi dan l-argument, u ċjoè, illi n-nuqqas ta' ħruġ ta' permess (u mhux rifjut ta' permess kif irrefera għalih l-appellant) kien motivat mill-fatt suċċedut tal-bini abusiv da parti tar-rikorrent Galea *nomine* mhux qed jissemma l-ewwel darba quddiem din il-Qorti, infatti kien wieħed mill-argumenti prinċipali tal-Ministru quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti:

Dik il-Qorti dan l-argument ikkonsidratu fil-fond kif kien jixraq billi kkonsidratu tenut kont taż-żmien li kien laħaq għadda meta r-rikorrent qabad u beda jibni minn meta kien applika għall-permess u mqabbel dan ma' preċedenti u waslet għall-konklużjoni illi meta l-appellant iddejjaq jistenna jew inkella għax ħaseb li kien ser joħroġ il-permess qabad u beda jibni d-diskriminazzjon kienet diġà saret. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-anteċedenti li kien hemm rigwardanti applikazzjonijiet għall-bini minn partiti politiċi, ikkonsidrat dak li xehed il-Perit Cassar u li tant tajjeb irriproduċiet l-ewwel Qorti u wkoll waslet għall-konkluzjoni illi d-diskriminazzjoni kienet ġa avverat ruħha meta r-rikorrent beda jibni. Din il-Qorti bħall-ewwel Qorti ma tħarisx lejn l-argument sottomess mill-appellant bħala r-raġuni vera l-għala l-permess baqa' qatt ma ħareġ, għax kif spjega tant tajjeb l-imsemmi Perit sa ma beda jibni kien għadda żmien biżżejjed biex la ma kienx hemm diffikultajiet il-permess seta' jinħareġ. F'dan, din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-ewwel Qorti u ma hemmx għalfejn jerġgħu jiġu ripetuti l-argumenti żvolti minnha fis-sentenza appellata. Jingħad biss li din il-Qorti tirrespinġi l-argument ta' l-appellant għall-istess motivi miġjuba minn dik il-Qorti;

Illi sottomissjoni oħra ta' l-appellat hija li l-uniku ilment li

l-appellant jista' jkollu hu illi kien hemm dewmien fl-ipproċessar ta' l-applikazzjoni tiegħu u żied igħid ukoll illi li kieku r-rikorrent ġera wara l-applikazzjoni tiegħu din kienet tiġi proċessata qabel;

Illi anki dan l-argument ġie vventilat quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti li spjegat fis-sentenza tagħha għala huwa wieħed assolutament infondat. Effettivament ftit hemm x'wieħed jista' jgħid fir-rigward. Donna l-appellant irid jgħid li l-*file* relattiv ġie spustat jew *mislaid* għal ftit żmien. Illi fil-fatt però l-provi juru xort'oħra, juru, illi filwaqt illi fil-kors normali ta' l-affarijiet permessi bħal dak li kien qed jintalab jingħataw fi ftit żmien dal-każ ġie ttrattat differentement, mhux biss għax għal żmien relattivament twil ma sar assolutament xejn dwaru iżda anki għax wara li l-P.A.P.B. li ma sabet ebda diffikoltà għall-ħruġ tiegħu rriferietu lill-Ministeru għall-"*clearance*" din baqgħet ma waslitx avolja baqa' jiddekorri ż-żmien. Dak li ssuċċieda fil-każ odjern kien uniku għal dan il-każ u proprju f'dan tikkonsisti d-diskriminazzjoni. Fil-fatt forsi l-unika ħaġa li tista' żżid din il-Qorti fuq is-sentenza ta' l-ewwel waħda hi li nonostanti l-argumenti kollha li ġab 'il quddiem l-appellant biex jipprova li ma kienx hemm diskriminazzjoni ma nġiebet ebda prova ta' xi każ ieħor fejn intalab permess ta' "*in filing*" bħal f'dal-każ u għadda daqstant żmien bla ma ħareġ il-permess meta proprju ma kien jeżisti ebda ostakolu. Bi "żmien" il-Qorti qed tirreferi saż-żmien li r-rikorrent iddeċida li jibda jħott. Kif ġa' ngħad ma jirriżulta minn imkien li xi darba xi ħadd kellu jinżamm jistenna daqstant anzi hemm ix-xhieda tal-Perit Cassar li afferma li dan kien każ sempliċi li fil-kors normali kien jiġi ffinalizzat fi ftit żmien;

L-appell in kwantu jirrigwarda l-ewwel talba tar-rikorrent

għalhekk ser jiġi respint;

Ikkunsidrat:

Illi jibqa' biss it-tieni talba tar-rikorrent u li għaliha jirreferi l-appell tar-rikorrent u t-tieni parti ta' l-appell ta' l-intimat. Effettivament l-intimat fl-aspettativa li din il-Qorti tilqa' l-appell tiegħu fir-rigward ta' l-ewwel talba talab ukoll li din il-Qorti tiċħad it-tieni talba tar-rikorrent. Ir-rikorrent min-naħa tiegħu talab li din il-Qorti tirrevoka dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti fir-rigward u minflok tilqa' t-tieni talba tiegħu billi tordna lill-intimat biex minnufih joħroġ il-permessi relattivi għar-rikostruzzjoni tal-fond in kwistjoni;

Illi effettivament din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Onorabbli Qorti ddisponiet mit-talba tar-rikorrent dana għaliex ir-riferenza li għamlet għas-sub-artikolu (2) u (3) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni tidher li ma hix applikabbli għall-każ u *inoltre* r-riferenza għall-proċeduri Kriminali u l-fatt li dawn għadhom *sub judice* ma kellhiex tidħol fil-kwistjoni. Però lanqas ma tista' din il-Qorti taqbel ma' parti mis-sottomissjonijiet tar-rikorrent u li fuqha la din u ebda Qorti oħra ma tista' tittransiġi. Ir-rikorrent fir-rikors ta' l-appell tiegħu issottometta illi hu kellu d-dritt li jiksur liġi ordinarja tal-pajjiż biex jagħmel tajjeb għall-ksur ta' l-għola liġi tal-pajjiż u kkontesta li dan il-fatt seta' jinġieb bħala raġuni biex hu ma jkollux rimedju effettiv għal dan il-ksur;

Din il-Qorti mingħajr l-iċken eżitazzjoni tagħmilha ċara li ma tistax persuna tkun min tkun għax taħseb li tkun ġiet iddiskriminata kontra bi ksur ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, taqbad u tieħu l-liġi f'idejha u tippretendi li ma jkunx hemm

konsegwenzi. Lanqas ma tista' din il-Qorti taċċetta illi wara li bħal f'dal-każ jiġi stabbilit illi verament kien hemm *diskriminazzjoni*, il-fatt li dik il-persuna li tkun, tkun hi wkoll ikkommettiet *illegalità* fil-fatt *li tkun* ħadet *il-liġi* f'idejha jiġi ssanat bis-sempliċi dikjarazzjoni tad-diskriminazzjoni. Altrimenti flok tkun qed tiġi applikata l-liġi, flok tkun qed *tiġi* rispettata l-Kostituzzjoni, din il-Qorti bl-iskuża ta' ksur tal-Kostituzzjoni tkun qed tivvjola hi stess l-aktar prinċipju *fondamentali li fuqu jistrieħu l-Kostituzzjonijiet rispettabbli tad-*Dinja u ċjoè il-prinċipju tar-"*Rule of Law*". Kieku din il-Qorti kellha taċċetta dak li r-rikorrent, ippretenda *li kellu dritt* jagħmel tkun qed tgħid lil kull persuna li fil-każ li fil-mori ta' l-ipproċessar ta' applikażżjoni għal xi permess ikun jidhrilha li l-każ tagħha kien jimmerita trattament differenti, tkun tista' tieħu l-liġi f'idejha bla ma tistenna permessi jew li jiġi ddikjarat ġewx ivvjolati *d-drittijiet* tagħha. Dan però din il-Qorti mhix pronta tagħmlu;

Din il-Qorti, però, lanqas ma taqbel li għax ir-rikorrent ħa l-liġi f'idejh għandu jitpoġġa fis-sitwazzjoni impossibbli li poġġietu fiha l-ewwel Onorabbli Qorti. Il-fatt li r-rikorrent qabad u kiser *il-liġi hu* wkoll *ma jġibx bħala konsegwenza illi ma jistax* jingħata rimedju effettiv. U hawn fejn evidentement ġiet żvijata l-ewwel Qorti, għax mhux *il-fatt li hemm proċeduri kriminali* pendenti li hu rilevanti iżda l-fatt ta' l-illegalità li fiha jinsab ir-rikorrent. Fil-fatt, sakemm ir-rikorrent jibqa' fl-illegalità li impona fuqu nnifsu, din il-Qorti mhix f'pożizzjoni li tagħtih rimedju, iżda dan ir-rimedju effettiv jista' biss jingħata appena tispiċċa *dik is-sitważżjoni* ta' illegalità. Fi ftit kliem din il-Qorti qiegħda tgħid illi *partendo* mill-prinċipju li "*two wrongs do not make a right*" u stabbilit illi ġa la darba kien hemm diskriminazzjoni għandu jkun hemm ir-rimedju effettiv, dan

ir-rimedju ma jistax jiġi nnegat għax hemm proċeduri kriminali pendenti, iżda għandu jibqa' sospiż sakemm ir-rikorrent iħott dak li bena bla permess. Altrimenti din il-Qorti tkun qed tgħid lil kull min lest japprofitta ruħu li jista' jieħu r-riskju u mbagħad wieħed jara. Din il-Qorti minflok trid tagħmilha ċara li l-liġijiet kollha inkluża, anzi fuq kollox, il-Kostituzzjoni qegħdin hemm għal kulħadd u għandhom jiġu osservati minn kulħadd; altrimenti, min jikser il-liġi jrid ibati l-konsengwentzi;

Għal dawn il-motivi, tiddisponi l-ewwel nett mill-appell ta' l-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi billi tiċħad l-istess u tiddisponi mill-appell tar-rikorrent Joseph Galea *nomine* billi tilqa' l-istess fis-sens limitat li ser jingħad u ċjoè billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet illi ma tippronunzjax ruħha fuq it-tieni talba tar-rikorrent u minflok tirriserva li tipprovdi fuq din it-tieni talba tar-rikorrenti wara li l-istess rikorrent iħott dak li bena mingħajr permess, u għalhekk għal dan l-iskop tiddifferixxi l-kawża *sine die*. L-ispejjeż ta' din l-istanza, in kwantu jirrigwardaw l-appell magħmul mill-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, jitħallsu mill-istess appellant, u in kwantu jirrigwardaw l-appell magħmul mir-rikorrent Joseph Galea *nomine* jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.